MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' April, 2014

Mandat Numru. 530/2014/1

Dorianne **BORĠ**

vs

***PERMANENT SECRETARY, MINISTRY FOR HOME AFFAIRS & NATIONAL SECURITY*** u *Director Department for Citizenship and Expatriate Affairs*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-7 ta’ April, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbet li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli “jitterminawlha l-impjieg tagħha minn mas-servizz pubbliku fejn illum tinsab impjegata ġewwa d-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates*”;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta’ April, 2014, li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-15 ta’ April, 2014;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fl-14 ta’ April, 2014, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħu għat-talba tar-rikorrent billi qalu li meta wieħed jieħu qies tal-għamla ta’ impieg li kellha, għandu joħroġ ċar li ma jeżistux ir-rekwiżiti tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tal-intimati waqt is-smigħ tal-15 ta’ April, 2014, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta’ April, 2014, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qiegħda titlob li ma titkeċċiex mil-impieg tagħha mis-servizz ċivili;

Tqis li r-rikorrenti kienet inħatret bħala "*casual substitute clerk*" f'Diċembru tal-2008[1] għal żmien sena mill-21 ta' Novembru ta' dik is-sena, u skond il-kundizzjonijiet imfissra fil-kuntratt tal-ħatra. Xogħolha kienet trid tagħmlu fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u sakemm iddum nieqsa mix-xogħol waħda Rita Bartolo, li dak iż-żmien kellha l-kariga ta' Assistenta Prinċipal fi ħdan l-istess Ministeru, b'dan li jekk kemm-il darba din Bartolo kellha terġa' tidħol lura għax-xogħol qabel l-għeluq tas-sena msemmi fil-kuntratt tar-rikorrenti, l-ingaġġ tar-rikorrenti jintemm qabel is-sena miftiehma;

Tqis, għalhekk, li l-ingaġġ tar-rikorrenti kien minn dawk magħrufa bħala "*back-to-back casual substitutes*";

Tqis li l-kuntratt kien, fost kundizzjonijiet oħrajn, jgħid li kien jaqa' taħt ir-regolament 7(4)(a) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss[2], kif emendat, u li kellu jingħatalha xahar pre-avviż f'każ li l-impieg ikun sejjer jintemm;

Tqis li l-impieg tar-rikorrenti reġa' ġġedded, u baqa' jiġġedded b'sena għal sena[3] sas-17 ta' Awwissu tal-2013[4];

[1] Dok "A", f'paġġ. 5 – 7 tal-atti
[2] A.L. 51/07 (L.S. 452.81)
[3] Dokti "AG1", "AG2", "AG3", f'paġġ. 20 – 2 tal-atti
[4] Dok "B", f'paġ. 8 tal-atti

Tqis li wara s-17 ta' Awwissu, 2013, r-rikorrenti nżammet fil-post tagħha u ma ntbagħtitilhiex is-solita tiġdida bil-miktub;

Tqis li ittra elettronika li ġġib id-data tal-10 ta' Marzu, 2014[5], għarrfet lir-rikorrenti li, ladarba Rita Bartolo reġgħet daħlet lura għax-xogħol, l-ingaġġ tagħha mad-Dipartiment kien sejjer jintemm b'seħħ mit-18 ta' Marzu, 2014 (xahar wara li Bartolo reġgħet daħlet għax-xogħol). B'ittra elettronika oħra tal-14 ta' Marzu, 2014[6], r-rikorrenti kienet mgħarrfa li x-xahar pre-avviż kellu jibda jgħaddi mill-10 ta' Marzu u mhux mit-18 ta' Frar;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat[7];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[8]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu

[5] Dok "Ċ", f'paġ. 9 tal-atti
[6] Dok "E", f'paġġ. 11 – 2 tal-atti
[7] Art. 873(1) tal-Kap 12
[8] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[9];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[10]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-jedd *prima facie* li fuqu tistrieħ ir-rikorrenti huwa dak li, ladarba wara s-17 ta' Awwissu, 2013, baqgħet miżmuma fl-ingaġġ tagħha bla ma ntalbet biex tiffirma t-tiġdida tal-kuntratt għal sena oħra bħalma kien sar qabel, allura b'hekk hija saret uffiċċjal pubbliku fuq impieg għal żmien li ma jagħlaqx (indefinit) u ma baqgħetx aktar impjegata "*casual substitute*";

Tqis li l-argument tar-rikorrenti jistrieħ kollu kemm hu fuq dak li jiddisponi l-artikolu 34(2) tal-Att XXII tal-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali[11], kif jidher ċar mill-argument li jinstilet mit-tmien paragrafu tar-Rikors tagħha;

---

[9] Art. 875(3) tal-Kap 12
[10] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[11] Kap 452

Tqis li fi proċedura bħal din, il-Qorti trid tara biss jekk il-jedd pretiż ikunx jidher mad-daqqa ta' għajn u mgħandux ikun li tidħol fi stħarriġ li l-post xieraq tiegħu huwa f'kawża li tistħarreġ il-mertu;

Tqis, madankollu, li meta wieħed jiġi biex jifli l-argument tar-rikorrenti, irid jarah fil-qafas taċ-ċirkostanzi kollha, mqar jekk biss fuq livell tal-*prima facie*;

Tqis li, lil hinn mill-kwestjoni tan-natura oriġinali tal-ingaġġ tar-rikorrenti bħala "*casual substitute*" (li għalih ma jgħoddx il-ħarsien mogħti fir-Regolamenti msemmija lil impjegati għal żmien definit)[12], r-rikorrenti ma tistax tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34(2) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għal żewġ raġunijiet li joħorġu mir-rieda espressa tal-liġi. Fl-ewwel lok, hija l-liġi nnifisha[13] li tneħħi t-tħaddim tad-Dispożizzjonijiet tal-Ewwel Titolu tal-Att (li jgħodd fih l-artikolu 34(2)) għal min hu f'"impieg mal-Gvern" jew "impjegati tal-Gvern" bla ebda distinzjoni. Fit-tieni lok, meta fl-2007 r-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss kienu estiżi wkoll għal impjegati f'Servizz mal-Gvern[14], l-artikolu 34(2) tal-Att XXII tal-2002 tħalla barra minn dawk l-artikoli l-oħrajn (fosthom saħansitra l-artikoli 34(1) u 34(3) tal-istess Att) li kellhom jibdew jgħoddu għal uffiċjali pubbliċi wkoll;

Tqis li dan kollu jfisser, li wkoll kieku r-rikorrenti kienet (sa minn qabel is-17 ta' Awwissu tal-2013) impjegata diġa' mhux bħala "*casual substitute*" imma fuq kuntratt għal żmien li jagħlaq, xorta waħda ma setgħetx tistrieħ fuq l-artikolu 34(2) biex tippretendi li l-impieg tagħha sar wieħed "tal-post" jew li ma jagħlaqx;

Tqis ukoll li, bir-rieda tal-liġi[15], "għall-finijiet .... ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, is-servizz mal-Gvern hu rapport speċjali

[12] Ara reg. 7(4)(a) tal-A.L. 51/07
[13] Art. 84(1) tal-Kap 452
[14] Ara A.L. 157/07 (L.S. 452.99)
[15] Ara art. 469A(6) tal-Kap 12

regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar il-kundizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern, ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra";

Tqis għalhekk, li ma jirriżultax li, mqar mad-daqqa t'għajn, ir-rikorrenti għandha l-jedd li tippretendi li jistħoqqlu jitħares bil-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub;

Tqis li, ladarba jonqos dan l-element kostitutiv għall-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub mir-rikorrenti, ma hux meħtieġ li l-Qorti tgħaddi biex titstħarreġ ukoll l-element l-ieħor tal-ħtieġa għall-ħruġ tiegħu, jew il-kejl tal-preġudizzju li r-rikorrenti tista' ġġarrab jekk kemm-il darba t-talba tagħha ma tintlaqax;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tas-7 ta' April, 2014, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju; u

**Tordna** li r-rikorrenti tħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------